Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 247/2016

Il-Pulizja

Spettur Rennie Stivala

Vs

Thomas Agius

Illum 23 ta' Frar, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Thomas Agius detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 1083447 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Bejn Marzu 2012 u Ottubru 2012, f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmula minnu li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Filwaqt li kien fi dmir bhala kunsillier li kellu xi interess pekunarju, dirett jew indirett, f'xi kuntratt jew f'xi proposta ta' kuntratt jew hag'ohra u kien prezenti f'xi laqgha tal-kunsill fiha dan il-kuntratt, proposta ta' kuntratt jew hag'ohra kienet, jew kienet waslet biex tkun, ikkunsidrata, li tiddikjara bil-miftuh fil-laqgha u kemm jista' ikun malajr wara li bdiet l-interess tieghu u:

a) Ma kellux jippresjedi jew jiehu sehem fil-konsiderazzjoni jew fid-diskussjoni ta', jew jivvota fuq mistoqsija dwar, dak il-kuntratt jew proposta ta' kuntratt jew hag'ohra; u

b) Kemm-il darba l-kuntratt jew proposta ta' kuntratt jew hag'ohra ma tkunx qed tigi kkunsidrata mill-Kunsill biss bhala parti minn rapport ta' kumitat jew ta' sotto kumitat tieghu u ma tkunx hi s-suggett ta' dibattitu separat, huwa kellu jirtira mil-laqgha fil-waqt li l-kwistjoni tkun qed tigi kkunsidrata.

2. Bhala ufficjal jew impjegat pubbliku illi, bid-deher jew bil-mohbi jew bil-mezz ta' persuna ohra, ha interess privat f'aggudikazzjoni, appalt, jew amministrazzjoni, sewwa jekk kellu ghal kollox jew f'parti t-trigija jew is-sorveljanza taghhom, kif ukoll jekk kellu din it-trigija jew sorveljanza fiz-zmien li l-aggudikazzjoni, l-appalt jew l-amministrazzjoni inbdew.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' espert jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-2 ta' Mejju, 2016, fejn il-Qorti wara iddikjarat illi l-imputat ma jista' qatt jinstab hati tar-reati addebitati lilu peress li ma tezisti l-ebda prova li tlahham b'xi mod l-elementi legali rikjesti fl-Artikolu 124 tal-Kodici Kriminali u tal-Kapitolu 363 ghal sejbien ta' htija.

Ghal dawn il-motivi ma sabitx lill-imputat **Thomas Agius** hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tilliberah minnhom.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-11 ta' Mejju, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha **tħassar u tirrevoka** s-sentenza appellata fejn illiberat lill-appellat minn kull ħtija u minnflok issibu ħati skont il-liġi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali huma cari u manifesti u jikkonsisti fis-segwenti:

Illi fit-tlieta (03) ta' Mejju tal-elfejn u sittax (2016) il-Kummisarju tal-Pulizija daħħal nota li kien bi ħsiebu jappella u sussegwentement fis-sitta (06) ta' Mejju l-esponent Avukat Ġenerali rċieva l-atti tal-kawża u ħassu aggravat b'tali sentenza in kwantu l-ewwel Onorabbli Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi bil-konsegwenza li saret enunċjazzjoni żbaljata tal-liġi u dana hekk kif sejjer jiġi spjegat fil-qosor kemm jista' jkun;

Illi minn qari akkurat tas-sentenza appellata l-ewwel Onorabbli Qorti analizzat bir-reqqa l-ewwel imputazzjoni li taqa' taħt l-artikolu 19 tal Kap. 363 tal-liġijiet ta' Malta fejn appuntu ġie kkwotat l-imsemmi artikolu fl-intier tiegħu, li għal skans ta' repetizzjoni żejda l-esponent ma jħossx li għandu jerġa jirrepetih. Illi ħarsa lejn l-ewwel subinċiż tal-imsemmi artikolu nsibu li jeżistu żewġ obbligazzjonijiet da parti ta' kunsilliera li jintebħu b'kunflitt ta' interess kemm dirett jew indirett, l-ewwelnett (a) li jiddikjaraw tali kunflitt u sussegwentement (b) bl-obbligu li ma jistgħux jippresjedu jew jieħdu sehem f'kunsiderazzjonijiet marbuta ma tali kunflitt. Illi minn qari tal-imsemmija dispożizzjoni joħroġ ċar li ma jistgħax ikollok waħda mingħajr l-oħra u kwindi ġaladarba wieħed jiddikjara kunflitt ta' interess huwa bilfors ikollu jeżenta ruħhu mill-laqgħat li jkunu jikkonċernaw il-materja in kwistjoni[1] anke jekk tali kuntratt, proposta jew ħaġ'oħra tkun ġa nbdiet qabel mal-kunsillier konċernat, f'dan il-każ l-appellat odjern, ikun ħa f'idejh tali materja li fiha jinħoloq tali kunflitt. Illi f'dan l-isfond l-ewwel Qorti għamlet referenza għas-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Scerri*** deċiża mill-Qorti tal-appell per Imħ. Michael Mallia nhar l-31 ta' Ottubru 2013 fejn f'dan il-każ kien hemm kwistjoni ta' kunflitt f'persuna li kellha tiġi ngaġġata ma Kunsill Lokali fejn l-ewwel Qorti kienet lliberat lill-imputat mill-ewwel akkuża u ċioe li naqas li jiddikjara tali interess peress li skonta ormai kulħadd kien jaf b'tali parentela, iżda mill-banda l-oħra sabitu ħati talli naqas li jeżenta ruħhu u saħansitra kien anke vvota biex tiġi mpjegata li

[1] Id-dispożizzjoni taħt l-artikolu 19 tgħid "u" mhux "jew"

kienet tiġi minnu. Il-Qorti tal-Appell kienet bidlet l-verdett tal-ewwel Qorti u sabet lill-appellat ħati ukoll taħt l-ewwel imputazzjoni sempliċiment għax naqas milli jiddikjara tali nteress;

Illi fir-rigward tal-każ odjern fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni saret referenza tal-artikolu 19(1) tal-Kap 363 f'daqqa u ċioe li bħala kunsillier kellu jiddikjara l-kunflitt ta' interess *de quo* bil-konsegwenza li minn dak il-ħin –il hinn ma setgħax jieħu aktar sehem f'dik il-materja relatata ma tali interess. Illi m'hemmx kontestazzjoni, u sa hawnhekk l-esponent jaqbel mal-ewwel Qorti, li l-appellat effettivament iddikjara l-parantela tiegħu mal-Perit Godwin Aguis immedjatament fit-tieni laqgħa u dan permezz ta' minuta tal-laqgħa tal-Kunsill (Dok RS5) li tinsab a fol 98 tal-atti proċesswali. Illi madankollu fir-rigward ta' parteċipazzjoni o meno, l-esponent mhux qed jaqbel mal-kunsiderazzjonjiet tal-ewwel Qorti. Illi jingħad li hekk kif qalet ben tajjeb l-ewwel Qorti il-kunflitt irid ikun wieħed konness ma *xi interess pekunarju, dirett jew indirett (enfażi tal-esponent), (a) f'xi kuntratt jew (b) f'xi proposta ta' kuntratt jew (ċ) ħaġ'oħra u jkun preżenti f'xi laqgħa tal-Kunsill li fiha dak il-kuntratt, proposta ta' kuntratt jew ħaġ'oħra tkun (enfażi tal-esponent), jew tkun waslet biex tkun, ikunsidrata;*

Illi skont l-ewwel Qorti, u hawnhekk fejn l-esponent mhux qed jaqbel, il-fatt li xi darba il-Perit Godwin Aguis kien jieħu ħsieb it-toroq ta' Ħaż Żebbuġ għan-nom tal-kumpannija Med Design ma jfissirx illi hemm xi interess pekunarju, l-anqas wieħed indirett. Illi kif appena indikat, l-esponent ma jaqbilx ma tali enunċjazzjoni għas-sempliċi fatt li, hekk kif ogħġobha tindika l-ewwel Qorti stess mix-xiehda tal-Perit Mangion, ħareġ ċar li għalkemm fuq il-karti l-Perit Godwin Aguis kien spiċċa minn mal-Kumpannija Med Design fl-2007, il-kumpannija li kienet tagħmel xogħol għall-Kunsill Lokali ta' Ħaż Żebbuġ, xorta waħda kien hemm ftehim informali[2] bejn il-Periti Mangion u Aguis fejn saħansitra nħolqot anke prokura li kienet tagħti setgħa lill-Perit

[2] Vide l-aħħar paragrafu a fol 4 tas-sentenza li tkompli fuq paġna 5

Aguis jiffirma għan-nom tal-Kumpannija Med Design fir-rigward ta' xogħol li kellu x'jaqsam speċifikament mal-proġetti tat-toroq ġewwa Ħaż Żebbuġ. Illi ħarsa akkurata lejn ix-xiehda tal-Perit Mangion fuq domandi tal-prosekuzzjoni fuq kif kien isir il-ħlas mill-Kunsill Lokali, irrisponda li dawna kienu jsiru lil Med Design u fuq domanda ulterjuri fuq il-mod kif kien jitħallas l-Perit Aguis, ix-xhud irrisponda li kellhom arranġament informali bejniethom (il-periti konċernati) li tax-xogħol li jagħmel il-Perit Aguis huma kienu jpattuhielu b'xogħol ieħor li jagħmlulu huma għalih, jiġifieri l-ħlas finanzjarju kien isir b'xogħol ieħor. Illi minn tali dikjarazzjoni jirriżulta b'mod lampanti li kien għad hemm interess da parti tat-tifel tal-appellat li jassigura li l-Perit Mangion jibqa' b'saħħtu u attiv fi ħdan il-Kunsill Lokali ta' Ħaż Żebbuġ u dana peress li huwa kien qed jiggwadanja wkoll minn tali attivita". Illi in vista ta' dan jsegwi li altru milli m'hemmx xi interess pekunjarju tal-inqas wieħed indirett fil-konfront tal-appellat meta joħroġ ċar li iben l-appellat kien għadu attiv fl-imsemmija kumpannija li kienet għadha tagħmel xogħol marbut ma toroq għall-Kunsill. Illi għaldaqstant jirriżulta minn dak suespost li għalkemm l-Qorti tat x'tifhem li l-Perit Aguis ma kienx għadu jieħu ħsieb it-toroq ta' Ħaż Żebbuġ, skont l-Perit Mangion iben l-appellat kellu prokura speċjali marbuta mal-imsemmija xogħolijiet anke meta ibnu waqqaf l-impjieg tiegħu mal-kumpannija Med Design;

Illi fl-umli opinjoni tal-esponent u bl-akbar rispett lejn l-appellat, ġaladarba kien hemm dikjarazzjoni da parti tiegħu ta' kunflitt ta' interess isegwi li ma kellux triq oħra ħlief li ma jieħux sehem u wisq anqas li ma jivvotax fuq kwistjonijiet relatati ma' toroq fejn ħareġ b'mod kristalizzat l-interess almenu indirett li kellu f'din il-materja u dan minħabba n-ness dirett li kien hemm bejn ibnu u l-kumpannija Med Design. Illi fl-opinjoni umli tal-esponent m'hijiex skuża li l-appellat jgħid li ma kienx jaf li ibnu kellu prokura u li setgħa anke jiffirma għax ħareġ biċ-ċar ukoll li l-maġġor parti tal-kollegi tiegħu kunsilliera ġibdulu[3] wkoll l-attenzjoni, speċjalment is-

[3] Vide xiehda ta' Christopher Formosa a fol 23 et seq, ix-xiehda ta' Roderick Aquilina a fol 28 et seq, ix-xiehda ta' Philip Said a fol 81 et seq, ix-xiehda ta' Cain Grech a fol 115

Segretarju Esekuttiv is-Sur Christopher Formosa fejn anke spjegalu li jistgħu jittieħdu proċeduri kriminali kontrih. Illi jidher ċar li l-appellat baqa' jisfida l-kurrent li kellu kontrih u ma semgħax minn dawn il-pariri tant li b'għemilu, hekk kif jidher mill-minuti tal-laqgħat fejn saħansitra hemm il-konferma li anke vvota,[4] urta lil xi wħud tant li spiċċat intbagħtet l-ittra anonima lill-uffiċju tal-Prim Ministru li bis-saħħa tagħha nbdew il-proċeduri odjerni;

Illi fir-rigward tat-tieni imputazzjoni ssir referenza għall-artikolu 124 tal-Kodiċi Kriminali fejn l-ewwel Qorti fliet l-elementi li jikkostitwixxu tali reat. Illi a skans ta' ripetizzjoni l-esponent ħa jirreferi biss għal dawk l-elementi li m'hemmx qbil dwarhom. Illi kwindi fuq l-element tal-interess privat f'aġġudikazzjoni, appalt jew amministrazzjoni l-ewwel Qorti sostniet li għalkemm l-imputat ħa sehem fid-diskussjoni tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali tat-2 ta' Awwissu 2012 fejn kienet qed tiġi diskussa materja konċernanti mad-dekasteru tiegħu tat-toroq, ħaġa li fl-opinjint tal-esponent skont id-dikjarazzjoni solenni da parti tiegħu dwar kunflitt ta' interess privat, u skont l-att li jirregola l-Kunsilli Lokali, hekk kif ġa supracitat, ma setgħax jagħmilha, skont l-ewwel Qorti hu b'hekk ma setgħax jevita li ma jipparteċipax f'tali diskussjoni. Illi huwa appuntu hawnhekk fejn l-esponent jerġa jisħaq fuq il-fatt kemm l-appellat anzi ma kellux jieħu sehem attiv u wisq anqas li jivvota f'kull laqgħa li kienet tirrigwarda xogħolijiet ta' toroq. Illi skont l-ewwel Qorti meta l-appelllat kien qed jipparteċipa f'din il-materja ma kienx qed jeżerċita' interess privat dirett lejn xi gwadann finanzjarju dirett jew indirett. Illi anke hawnhekk l-esponent jerġa jisħaq bl-akbar umilta' li l-Qorti ma kellix tidħol fi gwadann finanzjarju, iżda biss jekk bl-involviment tiegħu kienx hemm xi interess dirett jew indirett li minnu seta' jkun hemm kwalunkwe forma ta' gwadann jew lejh dirett jew lejn terzi li jiġu minnu, f'dan il-każ lejn ibnu;

[4] Vide fir-rigward fol 98 minuta 1.4, u fol 105 minuta 2.6.9 u 2.6.16

Illi di piu għalkemm l-ewwel Qorti sostniet ukoll li f'dik l-laqgħa u fl-item 2.6.6 et seq ma kienitx qed tiġi diskussa materja ta' **aġġudikazzjoni**, **appalt** jew **amministrazzjoni**, ħareġ biċ-ċar li f'dik il-laqgħa kienet qed tiġi diskussa l-amministrazzjoni tal-proġett in kwistjoni *vis a vis* liema toroq kellhom jieħdu prijorita minn oħrajn u kwindi fi kwalunkwe każ dejjem kienu qed jiġu diskussi proġetti ta' toroq li hekk kif ikkonfermat l-istess Qorti kien id-dekasteru tiegħu u li l-appellat nnifsu ddikjara fil-miftuħ l-kunflitt ta' interess li kellu fl-istess materja;

Illi b'kull rispett lejn l-ewwel Qorti l-esponent ma jistgħax jaqbel mal-kunsiderazzjonijiet tagħha fejn saħansitra daħlet fil-mertu tal-laqgħa li skont l-istess Qorti tali laqgħa ma kienet xejn ħlief fuq liema toroq kellhom isiru u mhux hekk kellux jagħmilhom l-Perit Mangion għax skont l-ewwel Qorti l-kwistjoni ma kienitx dwar il-Perit Mangion iżda dwar kwistjoni ta' finanzi. Illi b'kull dovut rispett lejn l-Qorti kull ma kellha tara u tanalizza kien sempliċiment il-fatt jekk bħala uffiċjal pubbliku, aktar u aktar anke fir-rigward u fid-dawl ta' dak li ntqal fl-att li jirregola l-attivita' tal-istess uffiċjal pubbliku, kellux jieħu sehem f'tali laqgħat u mhux toqgħod tanalizza l-eżitu tal-imsemmija laqgħat. Illi joħroġ ċar skont dak ġa premess li l-appellat ma setgħax jieħu sehem f'tali laqgħat ġaladarba ddikjara kunflitt ta' interess f'materja relatata ma kuntratt *sic et simpliciter.*

Ikkunsidrat,

Dan l-appell gie imressaq mill-Avukat Generali ghaliex dehrlu illi l-Ewwel Qorti malament ghaddiet sabiex illiberat lill-appellat mill-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu billi kellu jirrizultalha illi dan kellu interess pekunjarju indirett f'progett dwar it-toroq li kien fdat f'idejn il-Kunsill Lokali ta' Haz Zebbug fejn kien involut ibnu l-perit Godwin Agius u xortawhda ippartecipa f'decizjonijiet mehuda mill-Kunsill in konnessjoni ma'l-istess.

Illi l-motivazzjonijiet li sawwru d-decizjoni ta'l-Ewwel Qorti illi tillibera lill-appellat mill-ewwel akkuza lilu imputata jistriehu fuq gudizzju mghoddi minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija

vs Joseph Scerri, decizjoni madanakollu li kienet tikkoncerna r-reat ikkontemplat fl-artikolu 20 tal-Kap.363 u mhux ir-reat in dizamina imsejjes fuq l-artikolu 19. Dan ghaliex l-elementi li isawwru dawn iz-zewg reati huma differenti b'dak in dizamina jitkellem fuq interess pekunjaraju f'aggudikazjoni ta' xi kuntratt jew appalt filwaqt li l-artikolu li isegwieh jitkellem dwar il-parentela bejn kunsillier u persuna li ikollha kariga jew tkun kanditat ghal hatra ta' kariga taht il-Kunsill, fejn dak il-kunsillier irid f'dan l-ahhar kaz jaghti avviz bil-miktub ta' dan il-fatt filwaqt li fl-ewwel kaz dan isir permezz ta' dikjarazzjoni maghmul minn dak il-kunsillier f'laqgha tal-kunsill fil-miftuh. Ukoll filwaqt illi ir-reat in dizamina ipprospettat fl-artikolu 19 jitkellem dwar ix-xjenza fl-awtur li jostor l-interess pekunjarju tieghu mill-membri tal-Kunsill, l-artikolu 20 dan l-element ma isemmiehx izda jimponi l-obbligu fuq il-kunsillier li ikun jaf b'din il-parentela illi ighaddi tali informazzjoni lill-Kunsill. Il-ligi ghalhekk fl-ewwel kaz mhux biss qed tara li thares it-trasparenza fl-agir tal-Kunsill kif tajjeb stqarret din il-Qorti, kif diversament ippresjeduta, fid-decizjoni iccitata mill-Ewwel Qorti, izda ukoll biex ihares milli kunsillier bhala ufficjal pubbliku xjentement jahdem ghall-interessi tieghu privati minflok dawk tal-komunita' li bis-sahha taghha huwa jkun gie elett. Ir-reat ghalhekk f'dan il-kaz jiehu dimensjoni akbar fejn l-awtur allura ikun qed jagixxi bl-intenzjoni li juza l-kariga tieghu sabiex jaghmel profitt ghalih innifsu kemm direttament kif ukoll indirettament bl-artikolu 19 jiddefinixxi l-interess bhala wiehed pekunjarju li ifisser li dak li irid jigi evitat huwa li jsir xi forma ta' arrikkiment finanzjarju minn naha tieghu. Kien ghalhekk allura li l-Prosekutur abbina dina l-ewwel akkuza mat-tieni akkuza addebitata lill-appellat u cioe' dak tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 124 tal-Kodici Kriminali billi l-elementi li isawwru dawn iz-zewg reati huma kwazi identici, bl-artikolu 124 jitkellem fuq 'interess privat', fid-definizzjoni wieghsa tieghu, filwaqt li l-artikolu 19 isemmi l-'interess pekunjarju', inkluz allura f'dak l-interess privat li jitkellem dwaru l-artikolu 124 tal-Kap.9. Illi ir-*raison d'etre* wara l-artikolu 19 tal-Kap.363 huwa dak illi jigi evitat il-kummissjoni tar-reat aktar gravi ikkontemplat fl-artikolu 124 u dan billi dak il-kunsillier, li huwa ufficjal pubbliku, ghandu jiddikjara minnufih dak l-interess jekk

jezisti u jastjeni milli joqghod ghal dawk il-laqghat fejn tkun ser tittiehed kwalsiasi decizjoni li tista' taffettwa dak il-kuntratt, aggudikazzjoni jew kwalunkwe haga' ohra li fiha huwa jista' ikollu dak l-interess privat billi hu ikun ser jaghmel xi gwadan pekunjarju minnu. Jekk jonqos xjentement allura milli jaghmel dan ikun hemm il-periklu illi jigi imbaghad kommess ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 124 tal-Kap.9. Ghal xi raguni inspjegabbli, izda, l-Ewwel Qorti ticcita iz-zewg disposizzjonijiet tal-Kap.323 (l-artikolu 19 u 20) daqslikieku dawn kienu reat wiehed u uniku meta fil-fatt l-appellat huwa akkuzat biss bir-reat ikkontemplat fl-artikolu 19.

Issa l-Ewwel Qorti elenkat l-elementi kollha li isawwru ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 124, elementi li gew elenkati mill-Qorti tal-Magistrati, kif ippresjeduta dak iz-zmien minn din il-Qorti, fid-decizjoni Il-Pulizija vs Philip Azzopardi et moghtija fit-28 ta' Ottubru 2009, ikkwotata *verbatim* fis-sentenza appellata. F'dik id-decizjoni, allura rapportata ukoll mill-Ewwel Qorti fid-decizjoni appellata gie spjegat x'ghandu ifisser dan l-interess privat (li allura jinkludi l-interess pekunjarju ukoll), kif imbaghad ssusegwentement ikkonfermat minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta fis-sentenza fl-istess ismijiet moghtija fit-13 ta' Novembru 2013.

Illi l-artikolu 19 jitkellem dwar 'interess pekunjarju' li jista' jkun kemm dirett kif ukoll indirett u f'din ta'l-ahhar ghandu jidhol kull interess pekunjarju li l-kunsillier jista' ikollu tramite il-konjugi, l-axxendenti jew dixxendenti, ahwa jew xi socjeta kummercjali li fiha huwa ghandu xi sehem. Fil-kaz in dizamina jidher illi l-interess li qed taghmel referenza ghalih il-Prosekuzzjoni huwa dak li kellu l-appellat f'xogholijiet li kienu qed isiru fit-toroq ta' Haz Zebbug minn ibnu il-perit Godwin Agius, liema xogholijiet kienu jaqghu taht il-manzjonijiet tal-Kunsill. Dan ifisser allura illi l-interess f'dan il-kaz huwa wiehed li ser jissarraf fi flus jew xi qligh iehor finanzjarju li isir jew direttament minn dak il-kunsillier jew minn xi membru tal-familja tieghu. Il-ligi trid illi dan l-interess jigi dikjarat minnufih fil-bidu ta' kull laqgha fejn tkun ser issir xi diskussjoni dwar il-kuntratt jew l-

aggudikazzjoni tieghu u li dak il-kunsillier jirtira minn dik il-laqgha u ma jehux sehem fiha. Jekk huwa agixxa b'dan il-mod allura, u jissodisfa dawn l-elementi, ir-reat ma jissussistiex, kif allura imbaghad lanqas ma jista' jissussisti ir-reat aktar gravi ipprospettat fl-artikolu 124 tal-Kap.9.

Issa minn ezami ta'l-atti probatorji jidher illi fl-ewwel laqgha tal-Kunsill wara li gie elett l-appellat fil-kariga ta' vici-sindku tal-Kunsill Lokali ta' Haz Zebbug u dan f'April tal-2012, minnufih iddikjara illi ibnu kellu konnessjoni fix-xogholijiet li kienu qed isiru fit-toroq ta' Haz Zebbug, appalt li jidher illi kien diga' gie moghti snin qabel lil socjeta Med Design Consultancy appartenenti lil Perit Charles Buhagiar fejn kien impjegat ibnu il-perit Agius. Madanakollu jidher illi dan l-impjieg intemm fl-2007 izda s-socjeta Med Design li f'isimha kien gie aggudikat dan il-kuntratt ta' appalt kienet permezz ta' prokura ghaddiet xi xoghol lil Perit Agius li allura ha ir-responsabbiltajiet ta' dawn ix-xogholijiet taht idejh f'isem il-Med Design Consultancy. Dan kien arrangament li allura kien jezisti mhux bejn il-Kunsill u il-Perit Agius, izda kien ftehim privat bejn il-Perit Buhagiar u l-Perit Agius li l-Kunsill ma kellux sehem fih.

Maghdud dan allura, huwa indubitat illi l-Kunsill Lokali ta' Haz Zebbug ma kienx ghadda l-kuntratt ta'l-appalt tat-toroq lil iben l-appellat izda lis-socjeta Med Design Consultancy Limited appartenenti lil Perit Charles Buhagiar. Kwindi kwalsiasi ftehim li dahal ghalih il-kunsill u kwalsiasi hlasijiet li setghu saru kienu jinvolvu lil din is-socjeta u mhux lil iben l-appellat, iben l-appellat jigi ikkumpensat ghal xoghol mis-socjeta Med Design Consultancy bi tpartit ta' xoghol iehor. Mill-provi fil-fatt ma jirrizultax illi l-Kunsill Lokali kienet ghamlet xi ftehim dirett ma' iben l-appellat jew inkella li ghaddiet xi hlasijiet direttament lilu. Issa is-Sindku Alfred Grixti ighid illi l-appellat kien avza illi kien hemm dan l-interess u cioe' fejn ibnu kien involut fix-xogholijiet tat-toroq izda kien hemm laqgha partikolari, li kienet laqgha tal-kumitat fejn kien qed jigi diskuss jekk ghandux jitqabbad perit indipendenti sabiex issir evalwazzjoni ta' liema kienu dawk it-toroq li kellhom jiehdu precedenza fuq toroq ohra u jidher illi

hawnhekk l-appellat ha sehem attiv u oggezzjona ghal din il-proposta, bl-appellat fix-xhieda tieghu ighid illi l-iskop ghall-oggezjoni kienet illi ma jinhlewx ir-risorzi finanzjarji imwiergha tal-Kunsill meta diga kien hemm socjeta ta' periti inkarigat b'dawn ix-xogholijiet. Kwindi dak li kien qed jigi dikuss ma kienx daqstant jekk ix-xoghol tat-toroq kienx ser jigi assenjat lil perit iehor, f'liema eventwalita allura l-appellat seta' kellu dak l-interess pekunjarju indirett li issemmi l-ligi, izda jekk kellux isir dan ir-rapport indipendenti dwar l-ghazla tat-toroq li kellhom jiehdu precedenza fuq ohrajn billi l-bagit finanzjarju tal-Kunsill ma kienx jippermetti li isiru it-toroq kollha.

Mhux biss izda jidher illi ghalkemm is-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill informa lill-appellat illi kien ikun ahjar li ma jippartecipax f'dawn id-diskussjonijiet, l-istess Segretarju hass il-bzonn li jitlob direzzjoni mill-Gvern Lokali dwar kif kellha tigi interpretata l-ligi u dwar kif allura kellhom jimxu meta ikun ser jittiehed il-vot dwar il-finanzi u diskussjonijiet ohra fejn kien hemm involut il-kwistjoni dwar it-toroq fir-rigward tal-posizzjoni ta'l-appellat. Kif allura tista l-Prosekuzzjoni tinsisti illi kien hemm ix-xjenza li tirrikjedi il-ligi meta ma kienx car jekk l-appellat kienx qed jikser il-ligi u intallbet direzzjoni mill-Kunsill lill-awtorita' tal-Gvern Lokali dwar kif kellu l-appellat jimxi fuq din il-kwistjoni! Dan huwa ikkonfermat ukoll mis-Segretarju Ezekuttiv Christopher Formosa  meta isostni illi huwa kien ta parir lill-appellat dwar dak li kienet tghid il-ligi u allura fit-tieni laqgha tal-legislatura il-gdida, l-appellat gharraf lil-Kunsill b'dan l-interess u li kien ser jastjeni milli jippartecipa fil-votazzjoni in konnessjoni ma' decizjonijiet dwar it-toroq. Izda billi l-appellat jidher illi kien qed jiehu sehem f'diskussjoni partikolari dwar, kif inghad, jekk kellux jitqabbad perit indipendenti biex jaghmel rapport dwar dawk it-toroq li kellhom bzonn xoghol urgenti fihom billi ma kienx hemm finanzi biex isiru ix-xogholijiet fit-toroq kollha, huwa hass il-htiega li jissosspendi dawn il-laqghat sabiex jiehu direzzjoni mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-posizzjoni ta'l-appellat.  Wara xi skambju ta' *e-mails* il-parir kien illi kien hemm kunflitt ta' interess u biex il-

vici-sindku jigi imwissi ghaldaqtsant[5]. Di piu' in kontro-ezami imbaghad johrog illi qabel ma l-appellat gie elett fil-Kunsill, kien inhareg *default notice* lis-socjeta Med Design Consultancy Limited peress illi l-kunsill ma kienx kuntent bix-xoghol tal-Perit Agius, iben l-appellat, izda l-Perit Charles Buhagiar accetta illi l-Perit Agius jirtira minn dawn ix-xogholijiet u allura d-*default notice* giet irtirata. Dan kollu sehh qabel id-data indikata fl-akkuza.

Illi allura minn ezami ta'l-atti probatorji ghandu jirrizulta illi l-appellat issodisfa l-ewwel rekwizit mitlub fil-ligi u cioe' fl-artikolu 19 tal-Kap.363 u ghalkemm jidher illi kien ha sehem f'xi diskussjoni dwar l-ghazla tat-toroq fejn kellhom isiru ix-xogholijiet u anke ha vot fir-rigward, madanakollu ma jistax jinghad illi huwa naqas milli jottempera ruhu mal-ligi billi ma kienx car lanqas ghal membri tal-Kunsill jekk huwa kellux jirtira minn kull diskussjoni li kienet ser issir fir-rigward u allura intallbet direzzjoni mill-Gvern Lokali dwar il-posizzjoni ta'l-appellat. Inoltre maghruf ghal Kunsill illi iben l-appellat kien involut fix-xoghol tat-toroq, is-Sindku xortawahda dehrlu li kellu jassenja id-dekasteru tat-toroq rurali lill-appellat sabiex qieghdu f'sitwazzjoni kemmxejn kompromettenti! Illi finalment ma jirrizultax sufficjentement ippruvat x'kien l-involviment tal-perit Godwin Agius fix-xogholijiet tat-toroq ta' Haz Zebbug. Dan ghaliex ghalkemm jidher illi huwa kellu prokura mill-Perit Charles Buhagiar ghan-nom tas-socjeta Med Design li iggib id-data tas-26 ta' Lulju 2010, ma hemmx prova in atti jekk din kenitx ghada vigenti f'Marzu 2012 u lanqas jekk il-Perit Godwin Agius kienx ghadu involut f'dawn ix-xogholijiet u dana wara il-hrug tad-*default notice* mill-Kunsill u l-irtirar taghha meta is-socjeta kuntrattur ta' dawn ix-xogholijiet avzat illi l-perit Agius kien ser jirtira minn dan l-involviment.

Maghdud dan allura wisq inqas jista' jirrizulta ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 124 tal-Kodici Kriminali. Dan mhux biss ghaliex ma giex ippruvat lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni illi l-appellat kellu xi interess privat meta huwa ippartecipa fil-laqgha ta' Awwissu 2012, u xjentement naqas milli jirtira minnha minhabba f'dak l-interess, izda fuq kollox ghaliex

[5] Ara e-mails esebieti a fol 36 et seq.

anke jekk fl-aghar ipotezi jirrizulta illi dan l-interess kien jezisti, madanakollu ma jistax jinghad illi kien hemm il-konsumazzjoni tar-reat bil-Kunsill stess jitlob direzzjoni dwar x'posizzjoni kellu jiehu l-appellat meta issir id-diskussjoni dwar dan il-kuntratt tat-toroq.

Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti, allura ma tarax illi ghandha tiddisturba id-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti, kif mitlub mill-Avukat Generali fil-lanjanzi tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u d-decizjoni appellata ikkonfermata.

(ft) Edwina Grima
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur